MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 920/2001/1

**Filomena Micallef.**

**-vs-**

**Albert Micallef**
**U**
**HSBC Bank Malta plc gia' Mid Med Bank Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-bank konvenut pprezenta Citazzjoni Numru 358/96FDP, fl-ismijiet "*Mid Med Bank Limited vs Albert*

*Micallef u martu Filomena Micallef ghal kull interess li jista' jkollha bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-imsemmi zewgha*", fejn wara li ppremettew illi l-konvenut Albert Micallef permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tas-16 ta' Novembru 1987 kien issellef mill-bank Lm11,000 kif ukoll li minn dan l-ammont kienet thallset biss is-somma ta' Lm3648.23 u ghalhekk kien ghad baqa' bilanc ta' Lm7351.77 bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-hlas effettiv. Illi ghalkemm interpellati il-konvenuti naqqsu milli jonoraw il-pagament u ghalhekk il-konvenut talab id-dispensa ta' smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 sabiex il-konvenut jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil bank attur is-somma ta' Lm7351.77 bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena tal-hlas effettiv. Illi ghalkemm interpellati il-konvenuti naqqsu milli jonoraw il-pagament u ghalhekk l-konvenut talab id-dispensa ta' smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 sabiex il-konvenut jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil bank attur is-somma ta' Lm7351.77 bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-hlas effettiv bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra taghhom.

Illi l-attrici odjerna qatt ma giet notifikata bic-citazzjoni u saret taf bl-atti meta giet notifikata bil-mandat ta' qbid numru 364/01 CX fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc gia' Mid Med Bank Limited vs Albert Micallef u Filomena Micallef notifikat lilha fis-7 ta' Marzu 2001 u li allura a bazi ta' l-artikolu 811 (b) hemm lok ghal thassir tas-sentenza in kwistjoni kif ukoll ghal ritrattazzjoni u smigh mill-gdid ta' l-istess a tenur ta' l-artikolu tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili citat li jipprovdi dwar in-nuqqas tan-notifika bic-citazzjoni lill-parti teliefa.

Illi din il-kawza kienet tikkoncerna kuntratt ta' self bejn il-bank u zewgha Albert Micallef, fejn l-attrici odjerna mhix parti

kontraenti u l-anqas biss kienet a konnoxxenza tieghu u ghaldaqstant m'hijiex d-debitrici tal-bank konvenut.

Illi l-attrici odjerna hija legalment separata minn ma' zewgha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Hugh Grima tas-26 t'April 1989 fejn gie dikjarat li l-attrici ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghal ebda dejn ta' Albert Micallef.

Illi l-fatti fuq citati jaghtu lok ghal thassir tas-sentenza in kwistjoni kif ukoll ghal ritrattazzjoni u smigh mill-gdid ta' l-istess a tenur ta' l-artikolu 811(l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi dwar sentenza li kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq esposti u cioe' in-nuqqas ta' notifika kif ukoll l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza hemm bazi ta' ritrattazzjoni tal-kawza Citazzjoni Numru 358/96FDP, fl-ismijiet "*Mid Med Bank Limited vs Albert Micallef u martu Filomena Micallef ghal kull interess li jista' jkollha bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-imsemmi zewgha*" deciza fid-9 ta' Frar 1996 u thassar tannulla u tirrevoka s-sentenza fuq citata.

2. tordna r-ritrattazzjoni u s-smigh mill-gdid ta' l-istess kawza taht dawk il-provvedimenti u dispozizzjonijiet mehtiega.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni u bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fl-20 ta’ Settembru 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta HSBC Bank Malta Plc eccepiet:

Illi preliminarjament il-pretensjonijiet migjuba fic-citazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kawza odjerna hija preskritta bit-trapass ta’ aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza li nghatat fid-9 ta’ Frar 1996 u dan ai termini tal-artiklu 818 (2) tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), liema perjodu ta’ preskrizzjoni huwa wiehed perentorju.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa mill-P.L Jonathan De Maria I.D. 367569(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fis-16 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha l-konvenut Albert Micallef eccepixxa:

1. Illi l-esponent ma jikkontestax t-talbiet attrici peress illi dak allegat huwa kollu minnu.

2. Illi nonostante l-premess u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma ghandux ibaghti spejjez inutili.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Albert Micallef mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-attrici qed titlob ritrattazzjoni ta’ kawza fl-ismijiet Mid Med Bank vs Albert Micallef et fejn hija giet ikkundannata flimkien ma zewgha l-konvenut Albert Micallef biex ihallsu s-somma imsemmija fic-citazzjoni lill-istess bank.

L-unika eccezzjoni tal-bank konvenut hija li ghaddew iktar minn hames snin mid-data li giet pronunzjata s-sentenza u kwindi l-azzjoni ma tistax issir u dan ai termini tal-artiklu 818 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan is-subartikolu jghid illi;

*Ma tista tintalab f’ebda kaz ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza.*

Jidher car li l-legislatur hass li kellu jimponi zmien li wara t-trapass tieghu kull sentenza ma tistax tigi aktar attakkata u dan ghal diversi ragunijiet. Ma jistax ikun li jibqa’ element ta’ incertezza wara li jigi stabbilit dritt wara process gudizzjarju anke jekk imbaghad jirrikorru xi fatti li skond il-ligi jaghtu lok ghal ritrattazzjoni. Il-ligi hija cara u tghid li dan ma jistax isir f’ebda kaz. Din hija affermazzjoni cara.

Din il-Qorti gia’ kellha opportunita’ tiddikjara dan fil-kawzi Joseph Emanuel Ruggier vs Joseph Oliver Ruggier deciza fid-19 ta’ Jannar 2004 u Parklane Investnemts Limited vs Luigi Portelli deciza fit-23 ta’ Jannar 2004.

F’ dan il-kaz il-kawza in kwistjoni giet deciza fid-9 ta’ Frar 1996 u l-kawza odjerna giet intavolata fit-28 ta’ Mejju 2001. Kwindi kienu ghaddew iktar minn hames snin minn meta giet deciza l-kawza.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-bank konvenut u tichad it-talba tal-attrici bl-ispejjes kontra taghha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------